Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed jinterpellawk sabiex tħallas is-somma ta' €1,506.51, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont u liema ammont skont il-liġi relatat tas-servizzi utili bin-numru 411000049379 ossija dwar il-fond bl-indirizz Apt 221, Blk 2, Tas-Sellum, Dawret it-Tunnara, Il-Mellieħa

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 3 ta' Novembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

To Andre Verhofstadt, passport number E1754869 of Apt 221, Blk 2, Tas-Sellum, Dawret it-Tunnara, Mellieħa

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €1,506.51 which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding utility bills number 411000049379 regarding the premises Apt 221, Blk 2, Tas-Sellum, Dawret it-Tunnara, Mellieħa.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 3rd November, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2240

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-13 ta' Ġunju, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fit-23 ta' Marzu, 2023, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Marvin Tong (KI 114594M) ta' 8 Victoria Fl 10, Triq Luqa Briffa, In-Naxxar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1137.83, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 13th June, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865) today Epic Communications Limited (c 10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, filed a Claim on the 23rd March, 2023, whereby they asked the Tribunal to condemn Marvin Tong (ID 114594M) of 8, victoria, Fl 10, Triq Luqa Briffa, Naxxar, to pay the plaintiff company the sum of €1137.83, which amount is due to the plaintiff company.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 117/2023MD) hija differita għad-9 ta' Novembru, 2023, fis-1.35 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Novembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and interests

The case (Claim number 117/2023MD) is deferred on the 9th November, 2023, at 1.35 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th November, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2241

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-23 ta' Mejju, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fit-23 ta' Marzu, 2023, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Keith Azzopardi (KI 46793M) ta' 3, Triq San Mikiel, Sqaq Nru 1, Bormla, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2698.22, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 102/2023MD) hija differita għad-9 ta' Novembru, 2023, fis-1.40 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Novembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 23rd May, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865) today Epic Communications Limited (c 10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, filed a Claim on the 23rd March 2023 whereby they asked the Tribunal to condemn Keith Azzopardi (ID 46793M) of 3, Triq San Mikiel, Sqaq Nru 1, Cospicua, to pay the plaintiff company the sum of €2698.22, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 102/2023MD) is deferred on the 9th November, 2023, at 1.40 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th November, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2242

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Ottubru, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Michael Attard Imports Limited (C34433) ta' Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, ppreżentaw talba fl-10 ta' Ottubru, 2022, fejn il-kumpanija attriċi talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Cygnet Cars Limited (C88226) ta' The Rock, Flat 2, Triq Claire E. Engel, Is-Swieqi, sabiex tħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €9,653.10, liema ammont huwa dovut lill-kumpanija attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 30th October, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Michael Attard Imports Limited (C 34433) of Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, filed a claim on the 10th October, 2022, whereby the plaintiff company asked the Court to condemn Cygnet Cars Limited (C88226) of The Rock, Flat 2, Triq Claire E. Engel, Swieqi, to pay the plaintiff company the sum of €9,653.10, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

Il-kawża (Avviż numru 220/2022LC) hija differita għat-8 ta' Novembru, 2023, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Novembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The case (Notice Number 220/2022LC) is deferred to the 8th November, 2023, at 9.30 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th November, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2243

ARB/C017/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-1 ta' Novembru, 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 159/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

BRIAN TONNA;

MANUEL (EMMANUEL) CASTAGNA;

KARL CINI;

MARIE KATRIN BONDIN CARTER;

K B T HOLDINGS LIMITED;

BT INTERNATIONAL LIMITED, inkorporata bl-isem ta' BT Fiduciaire Limited, b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C40658 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala The Penthouse, Suite 2, Capital Business Centre, Entrance C, Triq taż-Żwejt, San Ġwann;

NEXIA BT LIMITED, inkorporata bl-isem ta' BT Advisory Services Limited, b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C46322 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala The Penthouse, Suite 2, Capital Business Centre, Entrance C, Triq taż-Żwejt, San Ġwann;

NEXIA BT ADVISORY SERVICES LIMITED, inkorporata bl-isem ta' BT Advisory Services Limited, b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C48584 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala The Penthouse, Suite 2, Capital Business Centre, Entrance C, Triq taż-Żwejt, San Ġwann;

BTI MANAGEMENT LIMITED, inkorporata bl-isem ta' BT Financials Limited, b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C49892 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala The Penthouse, Suite 2, Capital Business Centre, Entrance C, Triq taż-Żwejt, San Ġwann;

ARB/C017/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 1st November, 2023 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 159/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

BRIAN TONNA;

MANUEL (EMMANUEL) CASTAGNA;

KARL CINI;

MARIE KATRIN BONDIN CARTER;

K B T HOLDINGS LIMITED;

BT INTERNATIONAL LIMITED, incorporated with the name BT Fiduciaire Limited, with Maltese registration number C40658 and registered address at The Penthouse, Suite 2, Capital Business Centre, Entrance C, Triq taż-Żwejt, San Ġwann;

NEXIA BT LIMITED, incorporated with the name BT Advisory Services Limited, with Maltese registration number C46322 and registered address at The Penthouse, Suite 2, Capital Business Centre, Entrance C, Triq taż-Żwejt, San Ġwann;

NEXIA BT ADVISORY SERVICES LIMITED, incorporated with the name BT Advisory Services Limited, with Maltese registration number C48584 and registered address at The Penthouse, Suite 2, Capital Business Centre, Entrance C, Triq taż-Żwejt, San Ġwann;

BTI MANAGEMENT LIMITED, incorporated with the name BT Financials Limited, with Maltese registration number C49892 and registered address at The Penthouse, Suite 2, Capital Business Centre, Entrance C, Triq taż-Żwejt, San Ġwann;

SPX SERVICES LIMITED;

U

WILLERBY TRADE INC.;

Illi l-UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI qiegħed jesegwixxi l-KORREZZJONI NEĊESSARJA fuq il-varjazzjoni tal-ordni tal-qbid u ffriżar li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-27 ta' April, 2021, u li tinsab fuq is-sit elettroniku tal-istess Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, fejn id-dettalji tal-ħatra tal-amministratur ma ġewx riprodotti fedelment. Illi għaldaqstant hekk kif inhu speċifikat fl-imsemmi digriet tal-Qorti datat l-1 ta' Novembru, 2023, l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi qiegħed jinforma lill-partijiet interessati li l-amministratur, is-Sur Paul Darmanin, ġie appuntat limitament għall-amministrazzjoni tal-imsemmija erba' soċjetajiet: BT INTERNATIONAL LIMITED, NEXIA BT LIMITED, NEXIA BT ADVISORY SERVICES LIMITED, u BTI MANAGEMENT LIMITED.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Charmaine Galea, LLD), fl-20 ta' Marzu, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-26 ta' Marzu, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Brian Tonna, Manuel (Emmanuel) Castagna, Karl Cini, Marie Katrin Bondin Carter, KBT Holdings Limited, BT INTERNATIONAL LIMITED, NEXIA BT LIMITED, NEXIA BT ADVISORY SERVICES LIMITED, BTI MANAGEMENT LIMITED, SPX Services Limited, u Willerby Trade Inc.

Illum 2 ta' Novembru, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

SPX SERVICES LIMITED;

AND

WILLERBY TRADE INC.;

The ASSET RECOVERY BUREAU is executing the NECESSARY CORRECTION on the variation of the seizing and freezing order which was published in the Government Gazette on the 27th April, 2021, and found on the website of the same Asset Recovery Bureau, wherein the details on the appointment of the administrator were not faithfully reproduced. That as specified in the mentioned Court decree dated 1st November, 2023, the Asset Recovery Bureau is thus informing all interested parties that the administrator, Mr Paul Darmanin, has been appointed limitedly for the administration of the following four companies: BT INTERNATIONAL LIMITED, NEXIA BT LIMITED, NEXIA BT ADVISORY SERVICES LIMITED, and BTI MANAGEMENT LIMITED.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Charmaine Galea, LLD) on the 20th March, 2021, which was published in the Government Gazette on the 26th March, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Brian Tonna, Manuel (Emmanuel) Castagna, Karl Cini, Marie Katrin Bondin Carter, KBT Holdings Limited, BT INTERNATIONAL LIMITED, NEXIA BT LIMITED, NEXIA BT ADVISORY SERVICES LIMITED, BTI MANAGEMENT LIMITED, SPX Services Limited, and Willerby Trade Inc.

Today 2nd November, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2244

ARB/C041/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TEMPORANJA TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-1 ta' Novembru, 2023, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 192/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

ARB/C041/2021 – VARIATION OF TEMPORARY SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 1st November, 2023, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 192/2021, in the case:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

SAMMY VELLA, sajjied, ta' 43 sena, iben John Vella u Saveria Vella xebba Grech, imwieled Tal-Pietà, Malta, fl-14 ta' Diċembru, 1979, residenti ġewwa 23A, Sambel, Triq it-Tiben, Marsaskala, u/jew 54, Triq Tax-Xerriek, Marsaxlokk, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 76180M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat SAMMY VELLA sabiex jirtira l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600) kull ħmistax-il (15) ġurnata mill-kont tal-bank intestat f'ismu li jispiċċa -8478 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc, u dan sakemm l-ordni temporanja tal-qbid u ffriżar rilevanti tibqa' fis-seħħ.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni temporanja ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD) fid-9 ta' Ġunju, 2021 li ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fil-25 ta' Ġunju, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' SAMMY VELLA.

Illum 2 ta' Novembru, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Republic of Malta

Versus

SAMMY VELLA, fisherman, 43 years, son of John Vella and Saveria Vella née Grech, born in Tal-Pietà, Malta, on the 14th December, 1979, residing at 23A, Sambel, Triq it-Tiben, Marsaskala, and/or 54, Triq Tax-Xerriek, Marsaxlokk, and holder of Maltese identity card bearing number 76180M.

The Court AUTHORIZED the accused SAMMY VELLA to withdraw the sum of six hundred euro (€600) every fifteen (15) days from the bank account listed in his name ending in -8478 and held at the Bank of Valletta plc, and this for as long as the relevant temporary seizing and freezing order remains in force.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a temporary seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD) on the 9th June, 2021, which was published in the Government Gazette on the 25th June, 2021 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to SAMMY VELLA.

Today 2nd November, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2245

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fid-29 ta' Settembru, 2023, fuq talba ta' John Mifsud ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw is-sid/sidien u/jew werriet/werrieta mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 2064/2023 fl-ismijiet John Mifsud vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ċedola ta' depositu u kontestwali fidi ta' cens numru 2064/2023 ta' John Mifsud, legalment separat, bin Angelo u Mary Mifsud née Pisani, imwieled Birkirkara u residenti l-Ħamrun (KI 474364M) vs Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw sid/sidien u/jew werriet/werrieta mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-27 ta' Settembru, 2023, fejn John Mifsud espona bir-rispett:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 29th September, 2023, following a request by John Mifsud it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown owner/s and/or heir/s in the records of the schedule of deposit number 2064/2023 in the names John Mifsud vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 2064/2023 in the name of John Mifsud, legally seperated, son of Angelo and Mary Mifsud née Pisani, born in Birkirkara and residing in Hamrun (ID 474364M) vs Deputy Curators to represent the unknown owner/ and/or heir/s filed in the First Hall of the Civil Court on the 27th September, 2023, the applicant John Mifsud respectfully submitted:

Illi huwa l-proprjetarju tal-appartament internament immarkat bin-numru 2 formanti parti minn blokk ta' żewġ appartamenti, liema blokk iġib l-isem ta' Saint John u bin-numru uffiċjali 44, fi Triq Manwel Magri, Il-Ħamrun, mingħajr l-arja tiegħu però inkluża parti diviża tal-bejt li tinkludi washroom, liema proprjetà hija suġġetta għal €0.85 ċens altrimenti libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha u dan kif jirriżulta aħjar minn kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Joseph Abela tat-18 ta' Frar, 2004, li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata dokument A flimkien ma' pjanta tal-istess immarkata dokument B;

Illi l-esponent jixtieq jipprevalixxi ruħu mill-fakultà mogħtija lilu bl-Artikolu 1501 tal-Kodiċi (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jifdi dan iċ-ċens ai termini tal-istess liġi;

Illi l-ammont ta' €0.85 kapitalizat bir-rata ta' 5% jammonta għal €17;

Illi oltre minn hekk qed jiddepożita permezz ta' din iċ-ċedola s-somma ta' €4.75 bħala ċens dovut għal dawn l-aħħar ħames snin;

Illi l-esponenti ma jafx minn hu/huma d-direttarju/i ta' dan iċ-ċens.

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex jeżonera ruħu minn kwalunkwe responsabbiltà qed jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qed jiddepożita s-somma ta' €4.75 bħala ċens dovut għal dawn l-aħħar ħames snin flimkien ma' €17 prezz tal-fidi ta' ċens annwu u perpetwu sabiex jiġu liberament żbankati mill-kuraturi deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw lid-direttarju/iu u/jew subdirettarju/i wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti: 44, St John, Flat 2, Triq Manwel Magri, Il-Ħamrun

Notifiki: Direttur Reġistru Pubbliku, Evans Building, Triq il-Merkanti, IL-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

That the applicant is the owner of the apartment internally marked with number 2 forming part of a block of two apartments which block bears the name of Saint John and with official number 44, in Triq Manwel Magri, Ħamrun, without its airspace but including a divided part of the roof which includes a washroom which property is subject to €0.85 groundrent otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances and this as results better from a public deed in the records of Notary Joseph Abela of the 18th February, 2004, a copy of which is here attached and marked document A together with a plan of the same marked document B;

That the interpellant wishes to avail himself of the faculty given to him by Article 1501 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta) to redeem this groundrent in terms of the same law;

That the amount of €0.85 capitalised at the rate of 5% amounts to €17;

That furthermore it is depositing by means of this schedul of deposit the sum of €4.75 as groundrent due for these last five years;

That the applicants do not know who is/are the direct owner/s of this groundrent.

Thus, the applicants in order to exonerate themselves from any responsibility are calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the sum of €4.75 as groundrent due for the last five years together with €17 price of redemption of annual and perpetual groundrent to be freely withdrawn by deputy curators appointed to represent the direct owner/s and/or sub-direct owner/s after leaving the due receipt according to law.

Applicant: 44, St John Flat 2, Triq Manwel Magri, Ħamrun

Notification: Director Public Registry, Evan Building, Triq il-Merkanti, Valletta
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Doreen Clarke, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 29 ta' Settembru, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Novembru, 2023

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Doreen Clarke, LLD, Doctor of Laws.

Today 29th September, 2023

Registry of the Superior Courts, today 3rd November, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2246

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Settembru, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1435/2023, fl-ismijiet John Fenech vs RX Construction Limited et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' RX Construction Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 4 ta' April, 2023

Lil: 1. RX Construction Limited (Reġ. numru C85359)
53, Solitaire, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi
2. Anthony Xerri (KI 343572M) fil-kwalità ta' rappreżentant legali u ġudizzjarju ta' RX Construction Limited (Reġ. numru C85359) għan-nom u in rappreżentanza tal-istess kumpanija, 128, Triq Pinto, Ħal Qormi

Permezz tal-preżenti ittra ufficjali, John Fenech (KI 0304563M) ta' 14, 'Amourelle', Triq l-Assedju l-Kbir 1565, Il-Mellieħa, filwaqt li jagħmel referenza għall-fatt illi hu kien impjegat maghkom bħala 'Foreman (Construction)' minn Lulju, 2019 sa' Ġunju, 2022, jirrileva illi matul l-imsemmi perjodu ta' żmien inti bqajt ma ħallastux numru konsiderevoli ta' salarji, numru ta' bonuses u l-Cola nonostanti li dan kien, u għadu, obbligu tiegħek li tagħmel hekk tempestivament u nonostanti wkoll li l-mittenti qeda l-funzjonijiet tiegħu miegħek fl-imsemmija kariga;

Illi l-ammont globali u komplessiv minnek dovut lill-mittenti hu ta' €36,142.88c.

Għaldaqstant, bil-preżenti qed tiġi formalment u uffiċjalment interpellata sabiex b'mod immedjat u bla

By means of a decree of the 14th October, 2023, in the records of the judicial letter number 1435/2023, in the names John Fenech vs RX Construction Limited et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent RX Construction Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 4th April 2023

To 1. RX Construction Limited (Reg. number C85359)
53, Solitaire, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi
2. Anthony Xerri (ID 343572M) as legal and judicial representativ of RX Construction Limited (Reg. number C85359) for and on behalf of the same company, 128, Triq Pinto, Ħal Qormi

By means of the present judicial letter, John Fenech (ID 0304563M) of 14, 'Amourelle', Triq l-Assedju l-Kbir 1565, Mellieħa, referring to the fact that he was employed with you as 'Foreman (Construction)' from July, 2019 till June, 2022, points out that during the said period you did not pay a considerable number of salaries, a number of bonuses and the non-existent Cola that this was, and still is, your obligation to do so in a timely and non-existent manner also that the interpellant carried out his functions with you in the said post;

That the global and total amount due by you to the interpellant is €36,142.88c.

Thus, with the present you are formally and officially solicited so that immediately and without further delay you

aktar dewmien tħallas lill-mittenti l-ammont komplessiv ta' €36,142.88c fuq deskritt.

Fin-nuqqas li tagħmel dan fi żmien ħamest (5) ijiem mid-data li tirċeivi din l-ittra ġudizzjarja, il-mittenti se jkun kostrett jipproċedi ulterjorment kontra tiegħek, inkluż bil-ħruġ ta' mandati kawtelatorji. Naturalment, nuqqas ta' ħlas skont dak magħdud f'dan l-att ġudizzjarju u skont it-termini tiegħu, se jattira imgħaxijiet fuq l-ammont fuq imsemmi skont il-liġi.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbgħat mingħajr l-ebda preġudizzju għall-azzjoni kriminali fil-konfront tiegħek inkonnessjoni ma' dan in-nuqqas ta' ħlas.

Tant biex tgħaraf timxi u tirregola l-pożizzjoni tiegħek.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Novembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

pay the interpellant the total amount of €36,142.88c above described.

Failing to do so within five (5) days from the date of receipt of this judicial letter, the interpellant will be constrained to proceed further against you, including the issuing of precautionary warrants. Of course, failure to pay according to that stated in this judicial act and according to its terms, further interest on the amount above mentioned shall be incurred according to law.

This judicial letter is being sent without prejudice to criminal action against you in connection with this failure to pay.

So much so that you may know how to proceed and regulate your position.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 3rd November, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2247

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-18 ta' Ottubru, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fit-23 ta' Marzu, 2023, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Sharon Naudi (KI 61482M) ta' 46, Vjal Simmons, Ħal Tarxien, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2122.96, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 105/2023CL) hija differita għat-13 ta' Novembru, 2023, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Novembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 18th October, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865) today Epic Communications Limited (c 10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, filed a Claim on the 23rd March, 2023, whereby they asked the Tribunal to condemn Sharon Naudi (ID 61482M) of 46, Vjal Simmons, Ħal Tarxien, to pay the plaintiff company the sum of €2122.96, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 105/2023CL) is deferred on the 13th November, 2023, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th November, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2248

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-17 ta' Frar, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 742/2022MH, li ġie ppreżentat fit-12 ta' Awwissu, 2022, fl-ismijiet: Busietta Rowena vs Caruana Maria Angelique, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-sehem riżervat hekk likwidata favur tiegħu. Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenuti inġunti in subizzjoni.

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 17th February, 2023, in the acts of Sworn Application number 742/2022MH, which was presented on the 12th August, 2022, in the names: Busietta Rowena vs Caruana Maria Angelique, was ordered the following publication pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12, to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: To condemn the defendant to pay the plaintiff the reserved share thus liquidated in his favour. With costs and interest against the defendants who are now summoned so that a reference to their evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-26 ta' Jannar, 2024, fid-9.00 a.m.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned to 26th January, 2024, at 9.00 a.m.

Notifika: Caruana Maria Angelique, Palazzo Busietta, Il-Wardija limiti ta' Burmarrad, San Pawl il-Baħar

Notification: Caruana Maria Angelique, Palazzo Busietta, The Rose l/o Burmarrad, St Paul's Bay

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Ottubru, 2023

Registry of the Superior Courts, today 17th October, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2249

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fit-30 ta' Ottubru, 2023, fl-atti tas-subbasta numru 4/2022 fl-ismijiet 'Mary Mifsud pro et noe vs Martin Muscat pro et noe et' u wara sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fil-15 ta' Jannar, 2022, fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni numru 198/1999, fl-ismijiet 'Martin Muscat pro et noe vs Pawlu Tabone et noe' ġie ffissat il-jum tat-Tnejn 20 ta' Novembru, 2023, fl-10.00 a.m. għall-bejgħ bl-liċitazzjoni li għandu jsir fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex, tal-artijiet hawn taħt deskritti:

By a decree delivered by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 30th of November, 2023, in judicial sale number 4/2022 in re. 'Mary Mifsud pro et noe vs Martin Muscat pro et noe et' and by a judgment delivered by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 15th of January, 2021, in the records of writ of summons number 198/1999, in the names of 'Martin Muscat pro et noe vs Pawlu Tabone et noe', the day of Monday, 20th of November, 2023, at 10.00 a.m., has been fixed for the sale by licitatioN, to be held at the Gozo Court's edifice in Misraħ il-Katidral, Victoria, Gozo, of the following property:

1. Raba 'Tat-Tiġieġa' fin-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka mitejn u disgħin metru kwadru (290m.k.), tmiss mit-Tramuntana ma' Triq San Blas, mil-Lvant ma' triq u mill-Punent ma' beni ta' Bernard Vella, bil-valur ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400);

1. Land 'Tat-Tiġieġa' in Nadur, Gozo, measuring around two hundred and ninty meters squared (290sq.m.), bounded north with Triq San Blas, east with a street and west with property of Bernard Vella, valed at two thousand and four-hundered euro (€2,400);

2. Art fil-viċinanzi ta' Triq San Blas, in-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' madwar mitejn u għaxar metri kwadri punt tnejn (210.2 m.k.) tmiss mit-Tramuntana ma' beni ta' Ġiusepp

2. Land in the vicinity of Triq San Blas, Nadur, Gozo, measuring around two hundred and ten point two meters squared (210.2 sq.m.) bounded north with property of

Debrincat, mil-Lvant ma' beni ta' Ġiusepp Tabone, mill-Punent ma' beni ta' Ġiusepp Vella jew irjieħ aktar korretti, bil-valur ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650).

Din il-proprjetà tappartjeni lill-partijiet fil-kawża fuq ċitata u se tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-AIC Joseph Mizzi fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-3 ta' Lulju, 2009, fl-atti tal-istess kawża.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Illum l-1 ta' Novembru, 2023

REBEKAH MIZZI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Ġiusepp Debrincat, east with property of Ġiusepp Tabone, west with property of Ġiusepp Vella or any other correct bounderies, valued six hundred and fifty euro (€650).

This property belong to the parties in the said writ of summons and will be sold as described in the report by AIC Joseph Mizzi, sworn on the 3rd of July, 2009, in the same records of said writ of summons.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

This 1st of November, 2023

REBEKAH MIZZI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2250

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Inferjuri, fit-30 ta' Ottubru, 2023, fuq rikors ta' G.V. Gozo Developments Ltd fl-atti tas-subbasta numru 13/2022 (u wara l-mandat ta' qbid numru 133/2022) fl-ismijiet G.V. Gozo Developments Limited vs Mario Cachia ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 20 ta' Novembru, fil-11.00 a.m. u sakemm tiġi aġġudikata l-ogħla offerta pubblika għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'bitħa mingħajr numru fi Triq Wied Siekel, Ir-Rabat, Għawdex, tal-mobbli hawn taħt deskritti:

1. Trakk Isuzu bin-numru KBF 384 ta' kulur abjad;

2. Trakk Isuzu bin-numru KCA 096 ta' kulur blu.

L-imsemmija mobbli huma proprjetà ta' Mario Cachia (KI 494368M).

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Inferjuri, illum l-1 ta' Novembru, 2023

REBEKAH MIZZI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

By decree given by the Court of Magistrates (Gozo) Inferior Jurisdiction, on the 30th of October, 2023, on the application of G.V. Gozo Developments Ltd in the records of judicial sale by auction number 13/2022 (and after warrant of seizure number 133/2022) in the names of G.V. Gozo Developments Limited vs Mario Cachia Monday, 20th of November, 2023, at 11.00 a.m. and until the highest bid is adjudicated, has been fixed for the sale by auction to be held at a yard without number Triq Wied Siekel, Victoria, Gozo, of the following items:

1. White Isuzu truck with number KBF 384;

2. Blue Isuzu truck with number KCA 096

The said items are the property of Mario Cachia (ID 494368M).

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Inferior Jurisdiction, this 1st of November, 2023

REBEKAH MIZZI
For the Registrar, Gozo Courts And Tribunals

2251

B'digriet tat-30 ta' Ottubru, 2023, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

By a decree of the 30th of October, 2023, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Automated Revenue Management Services Limited (C46054) fit-30 ta' Ġunju, 2023 qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' erbat elef, tmien mija u tlieta u sebgħin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€4,873.21) depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 2950/2022 fl-ismijiet:

Automated Revenue Management Services Limited (C46054) f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs Buttigieg Fortuna (KI 217439M).

Il-Qorti ordnat in-notifika tiegħu lill-kontroparti bi żmien jumejn (2) għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum it-Tnejn, 6 ta' Novembru, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That by the application filed by Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) on the 30th of June, 2023 is asking for the withdrawal of the amount of four thousand, eight hundred and seventy three Euro and twenty one cent (€4,873.21) deposited by the Schedule of Deposit number 2950/2022 in the names of:

Automated Revenue Management Services Limited (C46054) in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation vs Buttigieg Fortuna (ID 217439M).

The Court ordered the notification to the counterparty with two (2) days to file a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today Monday, the 6th of November, 2023

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2252

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-18 ta' Settembru, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Jaice Gatt (KI 252399M) ta' 18, Stardust, Block A, Flat 2, Triq il-Fuxa, San Ġwann, ippreżentat talba fis-26 ta' April, 2023, fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Dennis Schwienbacher (KI 0563192M) ta' 13, Spring Court, B Flat 1, Triq ix-Xnejn Abjad, Marsaskala, sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' €7,000, liema ammont huwa dovut lill-attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax

Il-kawża (Avviż numru 107/2023LC) fl-ismijiet Jaice Gatt vs Dennis Schwienbacher tinsab differita għat-28 ta' Novembru, 2023, fid-9.30 a.m.

Notifika: Dennis Schwienbacher (KI 053192M) ta' 13, Spring Court, B Flat 1, Triq ix-Xnejn Abjad, Marsaskala

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 7 ta' Novembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Ghar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 18th September 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Jaice Gatt (ID 252399M) of 18, Stardust, Block A, Flat 2, Triq il-Fuxa, San Ġwann, filed a Claim on the 26th April 2023, whereby she asked the Court to condemn Dennis Schwienbacher (ID 0563192M) of 13, Spring Court, B Flat 1, Triq ix-Xnejn Abjad, Marsaskala, to pay the plaintiff the sum of €7,000, which amount is due to the plaintiff.

With costs and legal interests

The case (Notice number 107/2023LC) in the names Jaice Gatt vs Dennis Schwienbacher is deferred for hearing for the 28th November, 2023, at 9.30 a.m.

Notification: Dennis Schwienbacher (ID 0563192M) of 13, Spring Court, B Flat 1, Triq ix-Xnejn Abjad, Marsaskala

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 7th November, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*